MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 419/2008

**Mary Rose Mifsud – ID-19968G**

**vs**

**Segretarju Generali**
**General Workers Union**
**Taqsima tal-Gvern u Entitajiet Pubblici**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' April 2008, fejn l-attrici talbet sabiex il-Union konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' €337.76 (tlett mija u sebgha u tletin ewro u sitta u sebghin centezmu) rapprezentanti flus lilha dovuta ghal qadi ta' dmirha bhala Assistenta Segretarja kif kienet legittimament mahtura ghal perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sat-8 ta Awissu 2007.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali numru 4262/07 taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 datata 23 ta' Lulju 2007 u

bl-imghax legali mid-data tal-istess ittra sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 4 ta’ Lulju 2008 fejn affermaw li (1) fl-ewwel lok is-segretarju generali tharrek hazin peress illi ma ghandux personalita guridika (2) fit-tieni lok illi t-talba kienet infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-qadi ta’ dmirijiet ta’ assistenta segretarja huma fuq bazi volontarja u kwalunkwe remunerazzjoni li tista tithallas hija biss fuq bazi diskrezzjonali; (3) illi l-attrici ma qdietx id-dmirijiet taghha bid-diligenza mistennija u mehtiega. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra s-sentenza tieghu tat-30 ta’ Ottubru 2008 fejn cahad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Union konvenuta u ghalhekk ordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu.

Sema l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Fl-affidavit taghha l-attrici tispjega illi hija kienet inhatret Assistenta Segretarja fit-taqsima tas-settur pubbliku fi hdan il-Union konvenuta fil-konferenza generali tad-delegati li nzammet fit-30 ta’ Gunju 2005. Fit-8 ta’ Awissu 2006 gew imkeccija Josephine Attard Sultana u Franz Buttigieg dan ta’ l-ahhar il-president tat-taqsima u sabet il-bieb tal-ufficcju maghluq. Meta fis-16 ta Awissu 2006 hija baqghet minghajr spjegazzjoni jew risposta ta’ x’kien gara, hija rrizenjat mill-Ezekuttiv tat-Taqsima flimkien ma shaba l-ohra. Fis-6 ta’ Frar 2007 hija kitbet u kelmet lil Robert Borg il-Financial Comptroller halli tithallas l-onorarju li suppost inghata f’Jannar. Peress illi ma kinietx ghamlet sena shiha t-talba taghha kienet limitata ghas-somma ta’ Lm145. Regghet baghtet reminder fil-15 ta’ Frar 2007. Dan Robert Borg qalilha li t-talba taghha kellha tigi ndirizzata lit-Taqsima b’kopja lis-Segretarju Generali. Ghalhekk tat l-ittra lil Louis Marsh b’kopja lis-segretarju

generali. Dan Marsh qalilha li kien jehtieg iggib ittra minghand is-segretarja ta' qabel cioe minghand Attard Sultana sabiex hu jkun f'posizzjoni li jhallas minghajr problema. L-attrici gabet din l-ittra u tatha lil Marsh b'kopji lis-segretarju generali u lil Financial Comptroller (Dok D). Meta baqghet minghajr risposta kitbet ittra datata 26 ta' Frar 2007 tramite l-avukat taghha ndirizzata lil Tony Zarb li twasslet bl-idejn. Gimgha wara hija rceviet ittra bl-istess data tas-26 ta' Frar 2007 minghand il-koordinatrici Margaret Magrin Dok A. Fil-5 ta' April 2007 Dr Borg Cole kiteb ittra ohra lis-segretarju generali Dok B dwar l-ittra Dok A. Fis-17 ta Mejju 2007 l-attrici mbaghad irceviet ittra Dok C minghand Tony Zarb fejn giet infurmata li t-talba taghha ta' hlas ma gietx milqugha a bazi tal-Kunsill u ta' l-Istatut.

In kontro-ezami tafferma li s-segretarja tas-Settur kienet approvat l-onorarju taghha tant li hemm anke ittra minn taghha li tikkonferma dan esebita fil-process.

Fl-ittra ta' Magrin Dok A, l-attrici kienet giet informata li t-talba taghha giet kunsidrata mill-Esekuttiv tat-Taqsima u li d-decizjoni taghhom giet komunikata lill-Amministrazzjoni Generali tal-GWU ghad-decizjoni finali tal-Kunsill Nazzjonali. L-avukat tal-attrici kkontesta din id-decizjoni permezz ta' l-ittra esebita a fol 31 u 32 tal-process Dok B. Permezz ta' l-ittra datata 15 ta' Frar 2007 Dok D, Josephine Attard Sultana li tigi l-ex segretarja tat-Taqsima Settur Pubbliku ddikjarat u kkonfermat li l-attrici qua asistenta segretarja kompliet taqdi l-funzjoni taghha bhala tali sat-8 ta' Awissu 2006 u ghalhekk kienet intitolata ghall-onorarju relattiv. Dan gie anke kkonfermat bil-gurament fl-affidavit taghha a fol 36 et seq. Tispjega li kien ir-rwol tas-segretarju cioe taghha li tikkonferma jekk kienx dovut l-onorarju jew le filwaqt li l-Amministrazzjoni tal-Union kienet biss tiddeciedi fuq il-kwantum. Fil-kaz tal-assistenti dan gie likwidat fl-ammont ta' Lm500 ghal zewg assistenti ghas-sena 2006 cioe Lm250 ghal kull-assistant. Hija tikkonferma li l-attrici kienet qdiet dmirha sew u li kienet tattendi ta' kuljum l-ufficcju tal-GWU. HIja taghmel referenza ghal klawsoli 93 (a), 93 (c) u 93 (d) tal-istatut. Pero tafferma wkoll li x'gara it-8 ta' Awissu 2006 hija ma

setghetx tikkummenta peress illi ma baqghetx tokkupa l-karika ta' segretarju tat-taqsima msemmija.

Francis Buttigieg li jigi ex president tat-taqsima settur pubbliku jikkonferma fl-affidavit tieghu li bhala procedura l-onorarju tal-assistenti segretarji kien jigi l-ewwel approvat u awtorizzat mis-segretarja tat-taqsima li kien jibghat il-formola lil Human Resources u l-financial comptroller tal-union sabiex wara tigi approvata mid-Deputat Segretarju Generali ghal hlas dovut.

Andrew Howard li wkoll kien jokkupa l-karika ta Assistent Segretarju tat-Taqsima settur pubbliku bhal dak okkupat mill-attrici jafferma fl-affidavit tieghu li l-attrici u hu stess kienu ntitolati ghal onorarju bejniethom fl-ammont ta' Lm500 ghal sena bejn Jannar sa Dicembru u dana a tenur tal-klawsola 93 u 84 (a)(iv) tal-istatut. Dan l-onorarju l-ewwel kien jigi approvat u awtorizzat mis-segretarja tat-taqsima li kienet tghaddi l-formola lil Human resources u lil financial Comptroller tal-Union halli wara tkun tista tigi approvata mid-Deputat Segretarju Generali.

Gejtu Mercieca li jokkupa l-karika ta' deputat segretarju generali tal-Union konvenuta jikkonferma li l-attrici kienet asistenta segretarja tat-Taqsima tas-settur pubbliku. Huwa jafferma li l-onorarju jinsab regolat bl-istatut u jithallas ghal hidma li tkun saret ghal beneficcju tal-Union u mhux semplicement ghal laqghat li jattendu. Difatti l-onorarju relattiv jigi approvat minn sena ghal sena mill-Kunsill u dana skond il-hidma li jkun esegwixxa. Barra minnhekk is-segretarju rispettiv ta' fuq l-ufficcjal in kwistjoni jrid jipproponi tali onorarju wara li jikkonsulta mieghu u prevja li jgib l-approvazzjoni relattiva minghandu. Fil-kaz in ezami din l-approvazzjoni ma harget qatt peress li huwa qatt ma rcieva minghand is-segretarja in kwistjoni cioe minn Attard Sultana tali proposta ta' hlas. Ighid ukoll pero li din is-segretarja Attard Sultana kienet tnehhiet mill-karika taghha f'Awissu 2006 u qabel ma telqet huwa ma rcieva ebda rakkomandazzjoni minghandha ghal hlas tal-onorarji tal-assistenti taghha fosthom l-attrici. Jafferma inoltre li l-ittra li nkitbet minn Attard Sultana datata Frar 2007 a fol 34 tal-process u

markata bhala Dok D qatt ma kienet giet a konjizzjoni tieghu u fil-fatt lanqas biss tinsab indirizzata lila. In segwitu Louis Marche li ssucceda lil Attard Sultana kien fil-fatt ressaq proposta ghal hlas lill-attrici pero l-esekuttiv tal-Union ma kienx approva tali hlas. Aktar il-quddiem l-istess talba tal-attrici kienet tresqet quddiem il-Kunsill Nazzjonali tal-Union li jigi l-oghla organu tal-Union li wkoll iddecieda li jirrespingi t-talba tal-attrici. Huwa jafferma li fl-ahhar minn l-ahhar huwa dan l-oghla organu li ghandu l-jedd u d-diskrezzjoni li japprova o meno tali hlasijiet skond l-istatut tal-Union u dana b'riferenza ghal klawsola 93 c u 93 d tal-Istatut. In kontro-ezami dan ix-xhud jafferma li l-attrici ghamlet hsara lil Union fil-perjodu in kwistjoni liema risposta saret fuq domanda jekk qdietx dmirha jew le. Jispjega li l-attrici kienet tkelmet fuq il-media kontra diversi ufficcjali tal-Union u ghalhekk tigi li hija hadmet kontra l-interessi tal-istess Union.

Robert Borg il-Financial Controller tal-Union konvenuta jikkonferma li huwa kien gie avvicinat mill-attrici fejn talbet biex tithallas l-onorarju lilha dovut. Huwa rrisponda li kien lest li jaffetwa tali hlas diment li jkun hemm l-Awtorizzazzjoni mehtiega mit-Taqsima partikolari kif jirrizulta mill-istatut. Huwa rcieva biss komunikazzjoni li ma kellux isir tali hlas u kwindi ma dahalx fil-meritu il-ghala.

Illi mill-provi prodotti ghandu jirrizulta mhux kontestat il-fatt li l-attrici kienet fil-fatt hadmet fi hdan il-Union Konvenuta fis-sena 2006 (Mhux 2007 kif indikat fl-avviz) sa Awissu ta' dik is-sena bhala assistenta segretarja fit-Taqsima tas-settur pubbliku.

Il-Union Konvenuta tafferma li d-decizjoni jekk l-onorarju jithallasx o meno jiddependi fl-ahhar minn l-ahhar fuq il-Kunsill Nazzjonali u f'dan il-kaz tali hlas ma giex approvat peress illi qed jigi allegat li hija hadmet kontra l-interessi tal-Union.

Jekk wiehed jezamina l-istatut tal-Union jinnota li l-artikolu 93 (a) jistipula li l-assistenti segretarji tat-taqsimiet ikunu intitolati ghal hlas ta' onorarju ta' kull sena skond it-tul tal-

perjodu li jkunu Server fil-kariga rispettiva taghhom. Jigi notat inoltre li tali hlas tnizzel bhala dritt (intitolati) minghajr kwalifika jew kondizzjoni. Il-Klawsola 93 (C) imbghad jitkellem fuq l-ammont ta’ l-onorarju kif jigi ffissat u mhux jekk wiehed ghandux jigi meqjus bhala ntitolat o meno. 93 (d) ighid ukoll pero li l-awtorizzazzjoni tal-hlas mill-Kunsill Nazzjonali jiddependi fuq jekk l-individwu jkunx qeda dmiru o meno.

Illi ghalkemm il-Union konvenuta gabet prova dokumentarja tramite estratti ta’ gazzetti dwar xi attivita tal-attrici li setghet marret kontra l-interessi tal-Union, tali fattur pero sehh lejn l-ahhar tal-karika taghha u ebda prova ma tresqet dwar xi nuqqasijiet fid-dmirijiet taghha fil-perjodu bejn Jannar sa Lulju 2006. Anzi ghal kuntrarju jirrizulta mill-provi li l-attrici dejjem qdiet dimirijietha skond il-karika taghha tul dan l-istess perjodu.

Illi di piu jinghad ukoll illi anke fuq bazi ta’ ekwita ghandha tirrizulta gustifikabbli r-rikjesta tal-attrici li tippretendi li tigi mhallsa l-onorarju kontemplat ghal Karika taghha in konnessjoni mas-seba xhur servizz li hija tat lill-Union konvenuta altrimenti ikun qed jigi kommess ingustizzja mhux xierqa fil-konfront taghha. Jekk hija ma baqghetx temmen f’certu linji adoperati mill-Union konvenuta gara tajjeb li ma baqghetx tokkupa dik il-karika stante li altrimenti tkun insostenibbli pero b’daqshekk ma jfissirx li ma ghandhiex il-jedd li tithallas tas-servizz gia` rezi fix-xhur precedenti.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-Union konvenuta kwindi jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-Union konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma mitluba fl-ammont ta’ €337.76 (tlett mija u sebgha u tletin ewro u sitta u sebghin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficcjali tat-23 ta’ Lulju 2007 u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza inkluz tas-sentenza preliminari datata 30 ta’ Ottubru 2008 a kariku ta’ l-istess Union konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------